MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1299/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited
u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Vella sija bil-polza u sija bil-ligi
u l-istess Joseph Vella**

**Vs**

**Kristian Briffa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma Lm642.69,0 (sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disa u sittin centezmu) rappresentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-12 ta' Dicembru, 2000, gewwa B'Kara By Pass, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBB 567 misjuqa minn Ian Caruana u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici li kienet

assikurata taht polza comprehensive mahruga mil-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha u l-vettura numru KRS 200 misjuqa mill-konvenut Kristian Briffa, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax pagabbli mill-4 ta' Frar 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba qed tigi kontestata ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti d-driver l-iehor Ian Caruana.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kawza si tratta ta' kollizjoni li grat fuq arterja principali bhal Triq Dun Karm By Pass ta' B'Kara bejn vettura KBB 567 u KRS 200 li harget minn Gharghur Road, ossia fuq ix-xellug tieghu.

Il-habta veru li saret kemmxejn il-quddiem. Ghaliex habtu? Il-konvenut jallega li l-vettura l-ohra pruvat taqleb il-lane u dahal go fih, tant li halla l-marki tal-brake. Da parti l-ohra, Ian Caruana s-sewwieq tal-vettura tal-attur allega li kienet il-vettura li qalbet il-karreggiata u saret il-habta. Dana appena li harget mis-side road ghal fuq Triq Dun Karm.

Ir-regolamenti tat-traffiku u gurisprudenza kostanti jistipulaw il-mod kif vettura ghandha tisporgi minn side road ghal fuq main road. Il-free flow of traffic ma

ghandhux jigi disturbat u ma jkunx konstituit perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Jekk il-konvenut jallega li rah l-boghod lil kontroparti u l-habta saret erbghin (40) metru l-isfel min fejn hareg, allura bilfors xi parti ddeciediet li tibdel il-karreggjata meta kienu vicin xulxin. Di fatti l-vettura KBB 567 halliet brakemarks - ammess miz-zewg partijiet – precizament ghax il-vettura kkostitwiet ruhha ta’ perikolu ghalih. Ipprova jevitah izda ghalxejn. Il-konvenut, meta hareg qaleb il-karreggjata u pprova jidhol quddiemu. Ma l-ebda raguni plawsibbli ghaliex il-KBB 567 kellha ghalfejn taqleb minn barra ghal gewwa aktar u aktar meta kien hemm vettura gja fuq gewwa, kif jallega l-istess konvenut.

Hija aktar versimili l-versjoni ta’ Caruana. F’dan is-sens, it-Tribunal jaghmel riferenza estensiva ghal sentenza tieghu stess u ghas-sentenzi hemm citati fl-ismijiet ‘Frans Bezzina u Rodi Zerafa deciza fl-24 ta’ Ottubru 2002’.

Dwar il-quantum tad-danni, dan ma giex kontestat tant li gie verbalizzat qbil fuqhu fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2003.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghal incident tat-12 ta’ Dicembru 2000, u jikkundannah ihallas is-somma ta’ sitta mija u tnejn u erbghin Lira u disa’ u sittin centezmu (Lm642.69) in linea ta’ danni kagunati.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentanta sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------